**Tribunal Industrijali**

**Decizjoni Numru 2420**

**Kaz Numru 3139/MF**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**Bejn**

**General Workers' Union**

**U**

**Bank of Valletta plc**

**Dwar allegazzjoni ta' promozzjonijiet bi ksur tal-procedura stabbilita**

**Illum 30 ta' Novembru 2015**

**Chairman Dr Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)**
**Membri tal-Bord Joseph Farrugia u John Bencini**

Dan it-Tribunal Industrijali gja kellu l-opportunita' li jiddeciedi parzjalment dan il-kaz billi b'sentenza datata 14 ta' Lulju 2014 gie deciz illi l-Bank of Valletta plc kkometta ksur tal-Ftehim Kollettiv meta ta zewg promozzjonijiet lil Ray Bezzina u Frank Zammit.

Il-Bord iddecieda ukoll illi ghar-rigward ir-rimedju jhalli f'idejn il-partijiet sabiex isibu soluzzjoni u ghandhom tlett xhur millum sabiex jesploraw soluzzjoni. Fin-nuqqas li jaghmlu hekk din il-kawza ghandha terga tigi kjamata fiz-zmien tlett (3) xhur millum.

It-Tribunal innota illi l-partijiet ma lahqux ftehim dwar ir-rimedju u ghalhekk ser jghaddi sabiex jiddeciedi fuq ir-rimedju.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi minhabba l-fatt li sab li l-Bank of Valletta plc kien kiser il-Ftehim Kollettiv l-ahjar rimedju f'dawn ic-cirkostanzi huwa li jordna li Ray Bezzina u Frank Zammit jinghataw "demotion" ta' grad wiehed u jitpoggew fil-livell ta' grad inqas pero' dan il-livell ikun fil-kategorija l-aktar gholja u dik il-paga li gja hadu u l-beneficcji li hadu sal-lum jibqghu ghandhom.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

| | | |
|---|---|---|
| **(iffirmat)** | **(iffirmat)** | **(iffirmat)** |
| **Dr Martin Fenech**<br>**Chairman** | **Joseph Farrugia**<br>**Membru** | **John Bencini**<br>**Membru** |

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**